**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/16*

Minuti tal-Laqgha Nru. 16 tal-Kunsill Lokali Ghasri (is-Sitt Terminu), li nzammet nhar il-Gimgha, 31 ta' Lulju 2009 fis-7.30p.m. fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu prezenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba
Fil-bidu tal-laqgha s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti
### I. Approvazzjoni
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-ahhar Seduta Nru. 15. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgha, dawn gew mehuda bhala moqrija.

### 2. Emendi
Ghal dawn il-minuti ma tressqux proposti ghal emendi. Ghalhekk dawn gew mehuda bhala korretti kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## III. Materji mill-Minuti
### 1. "Flower Bed" fi Triq l-Ghasri
Ricentement inxtraw aktar xtieli ghal din il-flower-bed. Ghandha wkoll tinbidel is-sistema tat-tisqija halli naraw jekk ikunx ahjar li jissaqqew mod iehor.
### 2. Tiswijiet fit-Toroq
Il-kuntrattur ghadu kemm lesta Triq il-Migra mix-xoghol ta' tiswija li din it-triq kienet fil-bzonn li jsiru mat-tul taghha. Xoghol ta' tiswija bil-cold mix sar u tlesta fi Triq San Pupulju u sqaqien ohra tal-vicin.
### 3. Bidu ta' "Skola-Sajf"
Il-programm ta' Skola-Sajf li ta' kull sena jzomm il-Kunsill, diga beda ghal dan is-sajf. B'kollox kien hemm madwar 20 tfal li bdew jattendu l-programm li se jkun qed jitmexxa mis-Sur George Mizzi li hu ghalliem tad-drama fi skejjel governattivi. It-

taghlim li se jiehdu t-tfal tul is-sajf ghandu jservi bhala prezentazzjoni ghal fuq il-palk ghall-attivita ta' Jum l-Ghasri li jtella' l-Kunsill fl-ahhar ta' Settembru.

**4. Laqgha ma' Dr Chris Said**

Il-membri tal-Kunsill kienu nfurmati li l-Onorevoli Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari fl-ufficcju tal-Prim Ministru, kien informana li se jaghmel laqgha ma' dan il-Kunsill nhar il-Hamis 10 ta' Settembru 2009. Din il-laqgha kienet originarjament appuntata ghal dati aktar qabel izda minhabba mpenji ohra, il-laqgha kellha tkun posposta ghal diversi drabi.

**IV. Korrispondenza**

i. L-Onor. Dr Chris Said baghat jinforma li se tinzamm attivita fis-6 ta' Awwissu fil-Kunsill Lokali Ghasri bl-iskop li titqajjem kuxjenza halli jkun hemm aktar interess fil-qari ta' kotba mill-pubbliku.
ii. L-Onor. Dr Chris Said habbar li se tinzamm festa tal-bnadar bejn il-Gimgha 11 u l-Hadd 13 ta' Settembru. Hu talab biex il-Kunsill Lokali jaghtu kull ghajnuna halli din l-attivita tirnexxi fuq skala nazzjonali.
iii. Id-dipartiment ta' l-Edukazzjoni baghat jinforma li se jkunu organizzati korsijiet ghall-adulti biex jitnaqqas l-illitterizmu fil-pajjiz.
iv. Id-Dipartiment tas-Sahha baghat jinforma li se jibda l-ezercizzju ta' tilqim kontra l-influwenza. Ghalhekk il-Kunsilli ghandhom jibdew jigbru lista ta' persuni eligibbli ghal dan it-tilqim.
v. Ilment minn Ms Maria Frendo dwar klieb fit-triq li attakkawha meta hi kienet qed timxi fi Triq il-Fanal hdejn il-Knisja.
vi. L-ADT baghtet tinforma li se jsir seminar nhar il-Gimgha 7 ta' Awwissu f'Dar il-Mediterran li jittratta dwar is-sahha u sigurta fl-immaniggjar tat-traffiku waqt xoghlijiet fit-toroq.
vii. L-Onor. Dr Chris Said baghat jinforma li kienet se tinzamm kompetizzjoni ghall-aktar lokalita nadifa f'Malta u Ghawdex. L-ispezzjonijiet ghal din il-kompetizzjoni se jsiru tul Settembru u Ottubru.
viii. Applikazzjoni ghal permess ta' l-izvilupp biex isiru zvilupp fil-bini fi Sqaq tal-Qattus u ohra ghal estensjoni fi Triq il-Wilga.
ix. Il-MEUSAC se jorganizza attivita fil-pjazza biex jinghata taghrif lill-pubbliku dwar l-EU. Din se tinzamm nhar l-Erbgha 18 ta' Awwissu.
x. Il-Fondazzjoni OASI qed tressaq talba ghal sponsor ghall-attivita li se titella' bl-isem "Riflessi Sajfin" gewwa Marsalforn.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Xoghlijiet fi Triq Dun Karm Caruana**

Ix-xoghol fuq dan il-progett diga beda tul dawn l-ahhar granet. Fil-fatt diga beda t-tqaxxir tat-triq u saru toqob fl-art halli l-kuntrattur ikun jaf fejn hemm il-cables ta' diversi servizzi li ghaddejjin minn taht it-triq. Il-gandott ghall-ilma tax-xita beda jithaffer ukoll u qed ikun iffurmat skond il-livelli godda tat-triq.

Is-Sindku qal li skond suggerimenti li kienu tressqulu minn residenti ta' l-istess inhawi, il-gandott ta' l-ilma tax-xita jirrizulta li ahjar jitkompla sal-kantuniera taz-zuntier tal-knisja biex jaqbad mal-gandott li hemm f'dan il-post u jitkompla iehor sal-bidu ta' Triq Salvu Gambin u jsir iehor biex jaqbad l-ilma li johrog minn quddiem l-iskola Laura Vicuna.

Il-progett kollu ghandu jitkompla billi jinbidel il-mejn ta' l-ilma u jsiru s-servizz ta' l-ilma u tad-drenagg ghar-residenzi kollha.

**VI Materji Ohra**

**1. Sponsor ghall-arti**

L-artista Jackie Roberts li ghandha l-post fejn tahdem fi Triq Ghammar, talbet lill-Kunsill bie jaghti sponsor halli hi tkun tista ttella' wirja ta' xoghlijiet taghha.
Il-Kunsilliera Renance Vella Aquilina ssuggeriet li nitolbuha xi xoghlijiet minn taghha biex dawn jitqeghdu permanenti fil-Kunsill.

**2. Drenagg fi Triq Wied Sara**

Is-Sur Emanuel Mintoff qal li jidher li s-sistema tad-drenagg fi Triq Wied Sara mhix qed tahdem normali peress li qed ikun hiereg id-drenagg fl-istess triq. Dan ir-rapport ghandu jigi mghoddi lill-awtorita.

**3. Tindif ta'Gandott fi Sqaq tal-Qattus**

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill talba li saret lilu biex gandott ta' l-ilma tax-xita li jservi biex jilqa' l-ilma tax-xita ta' Sqaq tal-Qattus, ricentement sfronda u konsegwenza t'hekk meta taghmel ix-xita, qed jeghrqu l-eghlieqi.
Il-Kunsill qabel li dan il-jerga' jsir u jitqeghdu katusi wisghin bizzejjed biex jaccettaw l-ilma li jinzel.

**4. Persuna taghlaq 100 sena**

Is-Sindku qal li hu kien infurmat li s-Sur Victor Grech ta' Triq il-Wilga kien se jaghlaq il-mitt sena nhar it-28 ta' Awwissu. Is-Sindku ssuggerixxa li bhala rikonoxximent tal-hidma li hu wettaq fil-komunita tul hajtu, l-Kunsill jinnominah ghall-konkors nazzjonali ta' l-Anzjan tas-Sena. Hu ssuggerixxa wkoll li ghal din l-okkazjoni, noffrulu rigal xieraq flimkien ma' bukket fjuri.
Is-Sur Joe Farrugia issuggerixxa li bhala rigal nixtrulu statwa.

**5. Attivita tal-Bettieh**

Rigward din l-attivita, l-Kunsill ghandu jistudja jekk hux possibbli li ssir fl-istess gurnata li fiha jkun iccelebrat Jum l-Ghasri.

**VII. Hlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill.
L-iskeda kif ipprezentata giet accettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez mal-minuti.

Il-laqgha tal-lum intemmet fit-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ________________